**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**Vs**

**Frankie Zahra**

**Illum 27 ta' Diċembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Frankie Zahra**, ta' sebgħa u erbgħin (47) sena, iben Michael u Giovanna neè Zahra, imwieled il-Pietà fit-8 ta' Lulju 1976, residenti 2, Sqaq il-Kunċizzjoni, Żurrieq, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 380576(M), talli nhar is-26 ta' Diċembru 2023, bejn 15:30hrs u 17:00hrs, ġewwa l-fond 2, Sqaq il-Kunċizzjoni, Żurrieq:

1. Ikkaġuna biża' lil Tessie Cutajar, is-sieħba preżenti jew ta' qabel, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, liema delitt twettaq fil-preżenza ta' minuri u bl-użu ta' arma u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251(3), 251H, 251HA u 202 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Tessie Cutajar, is-sieħba preżenti jew ta' qabel, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Frankie Zahra a benefiċċju ta' Tessie Cutajar u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti: (ii) barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Tessie Cutajar; (iii) barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lil Frankie Zahra jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Prosekuzzjoni ppreżentat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, markat Dok. "A", u rat id-dokumenti l-oħra esebiti mill-Prosekuzzjoni:  rapport tal-Pulizija dwar il-każ mertu ta' dawn il-proċeduri, markat Dok. "B"; estratt taċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat, markat Dok. "C"; il-fedina penali ta' l-imputat, markata Dok. "D"; personal details form ta' l-imputat, markata Dok. "E"; Risk Assessment fir-rigward ta' Tessie Cutajar, markat bħala Dok. "F"; stqarrija awdjo-viżwali rilaxxata mill-imputat, markata Dok. "G";

Rat illi l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar is-26 ta' Diċembru 2023, bejn 15:30hrs u 17:00hrs, ġewwa l-fond 2, Sqaq il-Kunċizzjoni, Żurrieq: (1) ikkaġuna biża' lil Tessie Cutajar, is-sieħba preżenti jew ta' qabel, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, liema delitt twettaq fil-preżenza ta' minuri u bl-użu ta' arma u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251(3), 251H, 251HA u 202 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta; (2) u aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Tessie Cutajar, is-sieħba preżenti jew ta' qabel, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

Huwa wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u minnu ammessi u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li ilu numru konsidervoli ta' snin ma jxellef difrejh mal-ġustizzja.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 31, 202(h)(i), (i) u (l), 250(1), 251(3), 251H(a)(d)(g), 251HA u 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sena (1) priġunerija iżda, billi il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat irreġsitra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u l-fatt li l-imputat ilu numru

konsidervoli ta' snin ma jxellef difrejh mal-ġustizzja, a tenur ta 'l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, tissospendi it-terminu ta' sena (1) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal sentejn (2) b'effett mid-data ta 'din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Tessie Cutajar. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' sentejn (2) li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

In vista tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tastjeni milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress li f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**